MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1120/2001/1

**Mary Caruana**

**vs**

**Angelo Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Gunju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fis-6 ta' Lulju 1958, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (g) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikorsi ta' l-attur, wiehed datat 17 ta' Mejju 2002 u d-digriet sussegwenti tal-21 ta' Mejju 2002, dak tat-13 ta' Jannar 2004, degretat fl-14 ta' Jannar 2004, u tas-26 ta' April 2004 degretat fis-27 ta' April 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-17 ta' Gunju 2002 a fol. 33 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha billi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-6 ta' Lulju 1958 huwa validu.

2. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi mhux minnu illi zwieg tal-partijiet huwa null ghal xi wahda jew aktar mir-ragunijiet imsemmija fil-**paragrafi (d) (f) u (g) ta' l-Att dwar iz-Zwieg,** jew ghal xi raguni ohra.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' April 2002; tal-4 ta' Gunju 2002; tas-26 ta' Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavits tal-konvenut b'terminu ta' sittin (60) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa erba' seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet; tat-12 ta' Gunju 2003; tad-19 ta' Novembru 2003 u tal-15 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta' Jannar 2003 fejn esebixxa l-affidavit s tieghu ta' Anthony Formosa u Paul Bilocca minn fol. 38 sa fol. 49 tal-process.

Rat s-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, ix-xhieda minnha migbura u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut datata 11 ta' Mejju 2004.

Rat li l-attrici ma pprezentat l-ebda nota ta' osservazzjonijiet.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fic-citazzjoni taghha l-attrici qed tvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

***"Artikolu 19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*"**(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) - 1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a

*critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"**

(P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f’dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **“Josette Lungaro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta’ ***Viladrich*** li jghid:-

*“Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and*

*irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan l-animu ta’ l-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ‘a partnership for life’.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubbilta’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja u l-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef’** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi ‘element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan is-sub-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens, substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens, substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'

Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' ndissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li

*“it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta’) *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract.”*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard”** (P.A. (RCP) 15 ta’ Marzu 2000) u cjoe’:-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero’ fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’ ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi hawn ta’ min jirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi”** (P.A. (RCP) 7 ta’ Jannar 2003) u cjoe:-

*“minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kondizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta’ prokreazzjoni ta’ ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi* ***“David Mangion vs Maria Sciberras”*** *(P.A. (N.A.) 11 ta’ Ottubru 1999);* ***“Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg”*** *(P.A. (N.A.) 11 ta’ Ottubru 1999);* ***“E vs F”*** *(P.A. (F.D.) 1 ta’ Lulju 1994);* ***“Elizabeth Zammit nee’ Consiglio vs John Zammit”*** *(P.A. (S.B.C.) 14 ta’ Marzu 1986);* ***“Mary***

***Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"*** *(P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u* ***"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"*** *(P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999)".*

Illi premessa ohra fic-citazzjoni attrici hija dik a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"**(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

**(ii)** <u>**APPREZZAMENT TAL-PROVI.**</u>

Illi fl-ewwel lok jinghad li anke kieku l-partijiet qablu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm prezunzjoni legali wkoll favur il-validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku.

Illi jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, u wkoll meta parti jew ohra tkun qed tghix ma' persuna, izda f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ntqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987.

Illi l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' fatti esposti tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda a bazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi, u f'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Cit. Nru 27/1999).

Illi fil-fatt hemm zewg verzjonijiet dwar din il-kawza attrici. L-attrici fil-fatt tghid li ommha kienet mietet meta hija kellha biss tmien snin u trabbiet minn missierha bl-ghajnuna ta' zewg zijiet. Izzid tghi li l-missier li kien negozjant, u kien jipprovdi kollox ghalihom, kemm skola privata, u anke taghlim tal-pjanu. Kien bniedem awtoritarju, jipprepara kollox hu ghal kulhadd. Dan huwa mportanti fil-kuntest ta' kif sehh dan iz-zwieg mal-konvenut ghaliex l-attrici tixhed li saret taf *tramite* certu Gerard Craus, il-genituri tal-konvenut kellhom jmorru jkellmu lil missierha sabiex l-istess konvenut jibqa' johrog ma' l-attrici. Fil-fatt dawn marru maz-zijiet tal-konvenut ikellmu lil missierha u anke tkellmu dwar id-dota. Wara tali laqgha l-istess attrici giet moghtija struzzjonijiet sabiex tiltaqa' mal-konvenut hdejn il-bieb tal-Knisja u hekk gara ghalkemm kull darba l-istess attrici kienet tkun akkumpanjata minn hutha jew iz-zijiet taghha. Wara ftit taz-zmien missierha rrangalha *engagement party.* Fil-fatt l-istess missier xtralha dar u armaha wkoll u fl-ahharnett iffissa d-data tat-tieg, u dan bla ma kkonsulta ma' l-attrici. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici qalet lill-konvenut li ma kenitx thobbu izda l-konvenut qallha li huwa kellu mhabba ghat-tnejn, u l-attrici baqghet ma qalet xejn lil missierha. L-attrici tghid li fit-tieg il-konvenut wasal tard u beda jidghi u hija ghamlet dwejjaq kbar, fil-honeymoon telqet lura Malta wara jumejn ghaliex kienet immissjat id-dar. Wara tkompli tghid li l-karatru tal-konvenut ma dratu qatt peress li skond hija kien ghazzien, jixrob u jidghi, u qatt ma servewh il-flus ghall-hajja u meta harget tqila kien jghinha missierha. Hu kien gieghel lill-konvenut jahdem mieghu, izda hawn il-konvenut beda joffendi lil martu u lil missierha. Skond hija ssaportiet u meta kellha t-tieni tarbija harget tahdem u

fethet negozju. Skond l-attrici l-konvenut sar vjolenti ma' binhom ghaliex gher bis-success taghha. Hija ssostni li anke baghtet lit-tifel *boarding school* St. Edwards College, u kienet thallas kollox hija ghaliex anke c-*children's allowance* kien johdilha. Dan jinkludi l-ispejjez sabiex it-tifla tmur l-iskola tas-*Sacred Heart* u mizati ghall-*ballet* u *modelling.* Wara ltaqghet ma' certu Adrian Busietta u kienet tiltaqa' mieghu bil-mohbi. It-tifel taghha telaq mid-dar kif ghalaq tmintax, u t-tifla zzewget, u wara tlieta u ghoxrin sena telqet lil zewgha u marret bit-tifla z-zghira l-Ingilterra. Tghid li ila li telqet mid-dar mat-tnejn u ghoxrin sena u halliet kollox lill-konvenut.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid li kienet fil-fatt l-attrici li l-ewwel attirat l-attenzjoni tieghu meta kien ma' Ngliza l-bahar, u qaltlu *"jiena m'inhix izjed helwa minnha?"* Minn dakinhar jghid li xehet ghajnejh fuq l-attrici u kellem lill Gerrard Cruas fuqha. Qal li dan ghamel appuntament ma' l-attrici ghalih u bdew jiltaqghu regolari. Kienu jmorru c-cinema separatament ghaliex l-attrici kienet tmur man-nanna taghha u huwa jghid li kien joqghod kemm jista' jkun vicin taghha. Kien f'dan il-perjodu li l-konvenut jghid li kellem lil missier l-attrici, ghaliex skond hu hafna kienu jafu li hergin flimkien. Kien wara dan kollu li qal lill-genituri tieghu bir-relazzjoni li kellu ma' l-attrici. Sadanitant baqghu johorgu flimkien u jixhed li kienu jinhabbu hafna u l-genituri tieghu kienu tkellmu ma' missierha dwar id-dota. L-attrici kienet tiehu hsieb tixtri d-dota u marru l-ezercizzji ta' Kana. Jghid li huwa kien sab id-dar li kienu marru joqoghdu fiha, u rrangaha hu wara li missierha xtrahielhom. Jghid li kien johrog lill-attrici fl-aqwa postijiet, u li kienu jinhabbu tant li meta kienet mietet in-nanna taghha xorta wahda ma rieditx tressaq lura d-data tat-tieg. Jghid li missierha rranga ghat-tieg pero' l-ispejjez hallashom hu, hlief ghall-libsa tat-tieg li giet mixtrija minn Parigi minn missier l-attrici. Jghid li l-*honeymoon* hallsu hu minkejja li missierha kien wieghdu li kien ser ihallasulhom hu. Jghid li kellhom it-tfal u kollox kien nomali, sakemm mat-tieni wild l-attrici qalet li riedet taghmel haga differenti. Wara li hallsilha ghall-korsijiet barra minn Malta fethet hanut li kien success kbir. Jghid li l-inkwiet li kellhom kien biss dwar it-trattament mat-tfal taghhom. Mill-bqija kollox

kien normali sakemm wara erbgha u ghoxrin sena zwieg l-attrici bdiet relazzjoni ma’ ragel iehor u fil-fatt harbet mid-dar. Wara disa’ xhur iltaqghu u jidher li qablu dwar separazzjoni bonarja. L-attrici ppruvat tottjeni divorzju barra minn Malta, izda l-konvenut kien oppona ghall-istess.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kompletament differenti minn xulxin, fejn l-attrici qed isostni li hija qatt ma habbet lill-konvenut, anzi jidher li f’hafna atteggjamenti tieghu kien jimbuttaha, mhux l-inqas bil-mod li kien jimxi maghha, tant li wara ammont ta’ snin, u wara li bdiet relazzjoni ma’ haddiehor, hija riedet taqta’ minn mieghu akkost ta’ kollox. Illi l-konvenut jghid min-naha l-ohra li l-partijiet kienu dejjem jinhabbu u l-attrici riedet li tizzewgu u sahansitra nvolviet ruhha fil-preparament tat-tieg. Skond hu l-inkwiet beda biss meta hija qabdet relazzjoni ma’ persuna ohra u riedet tehles minnu b’kollox. Taht dawn ic-cirkostanzi ma kienx hemm mod kif izommha u fil-fatt isseparaw bonarjament, kif ghadhom sa llum tnejn u ghoxrin sena wara.

Illi l-punt kollu ta’ din il-kawza hija jekk l-attrici verament kellhiex il-kunsens taghha vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Dan fis-sens li zzewget biss lill-konvenut ghaliex kollox kien irranga ghaliha missierha u hija kienet dghajfa wisq sabiex tmeri lil missierha dwar din ir-relazzjoni. Skond ix-xhieda ta’ l-attrici jidher li kollox kien irrangat minn missierha, mill-bidu nett meta l-attrici ltaqghet mal-konvenut, sad-data meta sar iz-zwieg, fejn missierha xtralha kollox u ghamel l-arrangamenti kollha ghat-tieg, ghal-eghrusija, ghad-dar u dak kollu li kien hemm fiha. Fil-fatt skond l-attrici lanqas flimkien ma kienu johorgu, ghax dejjem kienet tkun akkumpanjata jew fil-prezenza ta’ terza persuna, jew hutha jew iz-zijiet taghha. Il-konvenut jinnega dan kollu u jsostni li l-istess attrici kienet ikkontribwiet ghad-dota billi xtrat xi affarijiet, u li kien huwa li ghamel l-ispejjez tad-dar, tat-tieg, u tal-qamar il-ghazel.

Illi din il-Qorti thoss li fuq kollox ix-xhieda ta’ l-attrici hija aktar verosimili, peress li ma hemm l-ebda dubju li l-istess

attrici kellha kollox irrangat minn missierha, kemm ghad-decizjonijiet dwar kif bdiet tohrog mal-konvenut, kif ukoll ghad-dati kollha meta sar it-tieg u anke l-gherusija u kollox kien taht il-kontroll ta' missierha, li la hi u lanqas hutha ma' kienu jazzardaw imeru, u dan peress li kellhom sudizzjoni ghall-istess. Din il-Qorti hija konvinta li l-attrici ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien verament missierha li kien haseb ghal kollox u ghazel kollox kif ried huwa, inkluz id-dar, l-ghamara kollha, il-libsa tat-tieg u l-ispejjez kollha relattivi fejn il-partijiet ma kellhom *say* ta' xejn. Ladarba kollox provda huwa kien jiddeciedi huwa. Illi huwa veru li l-konvenut jghid li hallas diversi spejjez hu pero' f'dan ma huwiex konvincenti, aktar u aktar meta huwa stess jghid li ma kellux introjtu kbir tant li l-inkwiet tieghu kien biss kif seta' jzomm lill-attrici bhalma kien izommha missierha, proprju minhabba l-introjtu tieghu.  Minkejja dan huwa jghid li nefaq hafna spejjez sabiex irranga d-dar, hafna flus sabiex hallas l-ispejjez tat-tieg, li huwa ddeskriva bhala l-*"wedding of the year",* u sahanistra hallas ghall-ispejjez tal-*honeymoon.* Din il-verzjoni tal-konvenut hija fl-opinjoni ta' din il-Qorti inverosimili, u ma taghmilx sens ma' l-introjtu modest li l-konvenut stess jghid li kellu.   Dan apparti li l-istess xhieda hija kontradetta mix-xhieda ta' Josephine Vella u Emanuela Mifsud, hut l-attrici li kollha kkonfermaw li missierhom kien ha hsieb it-tigijiet kollha ta' wliedu mill-bidu sa l-ahhar.

Illi pero' apparti dan kollu din il-Qorti thoss li missier l-attrici ddecieda mhux biss fuq l-affarijiet materjali biss, izda wkoll fuq l-istat u l-istatus ta' hajja li kellha tiehu l-attrici, tant li kien hu li ghazel u taha struzzjonijiet sabiex tohrog mal-konvenut, u kien huwa li kien jiddetta u jiddeciedi ghall-kontendenti, inkluz fl-ghazla tad-data tat-tieg.  L-attrici ma kellha l-ebda xelta ohra hlief li tobdih, u lanqas biss kienet tohlom li xi darba tmeri. Jidher car li l-attrici mill-bidu nett  tar-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet kostretta taccetta s-sitwazzjoni kif imhejjija minn missierha u l-ghazla taz-zwieg mal-konvenut, kif ukoll kull haga ohra f'dan iz-zwieg, ma kienitx ghazla taghha, izda ghazla ta' haddiehor. Hija ma kenitx libera li taghmel l-ghazliet taghha, u mill-verzjoni taghha tispikka bl-aktar mod car li l-ghazla taz-zwieg mal-konvenut, ma kienet qatt

l-ghazla taghha, u in verita' jghid x'jghid il-konvenut, dan ma' jista' jbiddlu qatt.

Illi xelta u l-ghazla u l-impenn taz-zwieg, ghandu jkun ibbazat mhux biss fuq kunsens specifiku izda wkoll fuq liberta' ta' ghazla, li din il-Qorti thoss li l-attrici, f'dawk iz-zminjiet u f'dawk ic-cirkostanzi minnha deskritti, qatt ma' kellha – hija hasbet li kellha bilfors taccetta dak li altrimament kienet ghazla ta' missierha, li kien sa dakinhar, (u in verita' anke wara) pprovda kollox lilha, tant li kien inkonceppibbli ghaliha, li tmur kontra r-rieda tieghu. L-involviment totali tal-missier jidher car mill-bidu nett ta' l-istess relazzjoni sa l-anqas dettal tat-tieq u l-gherusija, fejn il-Qorti hija konvinta li haseb ghal kollox hu. Hija espremiet dawn id-dubji biss mal-konvenut, izda ma' hadd izjed, u allura l-istess attrici hasset li ma kellha ebda alternattiva hlief li taccetta dak li kien id-destin taghha kif dirett minn missierha. Jidher li verament l-attrici ttentat taghmel dan, izda fl-ahhar mill-ahhar hija kienet taf li qatt ma kienet ghazlet hi lill-konvenut, u spiccat irribellat u litteralment harbet mid-dar, anke jekk dan sar hafna zmien wara. Akkost ta' kollox riedet titlaq u taqta' minn mal-konvenut.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti gie konkludentement ippruvat li l-attrici qatt ma kienet konxjentosament ghazlet li tizzewweg lill-konvenut, izda biss issomettiet ruhha ghax-xewqat jew ahjar direzzjonijiet ta' missierha, li tant kienu qawwija li hija kienet ghal kollox impotenti li tirreagixxi ghall-istess, b'dan li din il-Qorti thoss li fil-mument taz-zwieg l-attrici ma kellhiex d-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex taghmel pass serju bhal dan. Dan ghaliex il-fakoltajiet volitivi taghha kienu sottomessi ghal dak dettat lilha minn missierha u allura dan iz-zwieg assolutament ma kienx xelta taghha, izda xelta ta' missierha, *tramite* l-huttab, li in verita' l-istess attrici kienet impotenti sabiex tahrab minnu. Ghalhekk il-kunsens moghti f'dan il-kuntest mill-attrici ma kien kunsens taghha xejn.

Illi fil-fatt jidher li minhabba dan il-fatt, hija kienet anke ntolleranti lejn il-konvenut, u anke jekk ghall-grazzja ta' l-

argument wiehed kellu jinjora dak li hija allegat dwar il-konvenut, xorta wahda jibqa' l-fatt li mix-xhieda taghha jidher car li hija rrezistiet lill-konvenut f'hafna okkazjonijiet anke ghaliex ghaliha dan iz-zwieg kien impost fuqha mill-konvenut stess bi ftehim ma' missierha, u allura hija qatt ma kienet disposta li taccetta lill-konvenut, lanqas kieku kien perfett, proprju ghaliex hija qatt ma kienet thobbu u qatt ma kienet lesta li timpenja ruhha mieghu ghall-hajja komunali. Dan ghaliex qatt ma kellha *commitment* mieghu, lanqas emozzjonalment. Kienet biss qed taddotta parti li kienet maghzula ghaliha, haga li fl-ahhar mill-ahhar ma setghetx taghmilha ghal dejjem. Wara l-mewt ta' missierha, li ghaliha fisser l-akkwist ta' l-indipendenza taghha, hija harbet ma' l-ewwel okkazjoni li kellha, bla ebda rimors ghall-konvenut, li ghaliha kien biss restrizzjoni tal-liberta' taghha.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg kien vizzjat f'dan is-sens *ab initio* u tali zwieg kien effettivament null mill-bidu tieghu ghaliex il-kunsens ta' l-attrici kien hekk vizzjat a bazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghexet kemm ghexet l-attrici mal-konvenut, dan qatt ma seta' jirranga dak li kien null mill-bidu.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici ghandha tigi akkolta ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## **III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fil-mod hawn deciz, b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fis-6 ta' Lulju 1958 huwa null u bla effett *stante* li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------